Nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2025, mill-4.00 p.m. sat-3.00 a.m., hemm bżonn ta' għeluq u clearance fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn kantuniera ma' Triq il-Kanun sa kantuniera ma' Triq l-Imsida.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ġunju, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 129

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2025, mit-9.30 a.m. sal-10.45 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq l-Annunzjata u Triq Raymond Caruana sal-knisja parrokkjali.

On Saturday, 26th July, 2025, from 4.00 p.m. to 7.00 p.m., closure and clearance are required from the parish church to tal-Qalb ta' Ġesù church in Triq il-Kbira San Ġużepp.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected;

On Sunday, 27th July, 2025, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m., clearance is required in Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq l-Imsida, Triq Misraħ il-Barrieri, Misraħ Santa Venera, Triq il-Lunzjata, Triq Brighella, Triq San Ġorġ and near the parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp;

On Sunday, 27th July, 2025, from 4.00 p.m. to 00.30 a.m., clearance is required in Triq il-Kbira San Ġużepp from Triq l-Imsida to Triq San Ġorġ and from in front of the parish centre, Triq l-Imsida, Triq Misraħ il-Barrieri, Triq Misraħ il-Barrieri from Misraħ Santa Venera to Triq il-Lunzjata, Misraħ Santa Venera, Triq il-Lunzjata from Triq Misraħ il-Barrieri to Triq Brighella, Triq Brighella, Triq Brighella from Triq il-Lunzjata to Triq San Ġorġ, Triq San Ġorġ, Triq San Ġorġ from Triq Brighella to Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Kbira San Ġużepp till Santa Venera's parish church, Triq Annunzjata and Pjazza Santa Venera.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected;

On Sunday, 27th July, 2025, from 4.00 p.m. to 3.00 a.m., closure and clearance are required in Triq il-Kbira San Ġużepp from corner with Triq il-Kanun to corner with Triq l-Imsida.

Closure of streets will take place as required and public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

13th June, 2025

POLICE NOTICE

No. 129

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Gudja

On Sunday, 15th June, 2025, from 9.30 a.m. to 10.45 a.m, through Triq Santa Marija, Triq l-Annunzjata and Triq Raymond Caruana to the parish church.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni;

Nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju, 2025, mis-6.30 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Joseph Pace, Triq Santa Katarina, Triq Raymond Caruana, Triq l-Annunzjata, Triq Santa Marija u Triq il-Kbira.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni;

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025, mis-6.30 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq Ġlormu Cassar, Triq il-Fidwa, Triq Bettina, Triq Ċiru, Triq San Ġorġ, Triq it-Torri, Triq Raymond Caruana, Triq l-Annunzjata, Triq Santa Marija u ħdejn il-knisja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Birżebbuġa

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2025, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn ħdejn il-mużew tas-subien, Triq il-Bżulija, Triq Santa Rita, Triq Sant'Anġlu, Misraħ il-Pajtier, Triq il-Kurat Fenech, il-pjazza u Triq is-Sajjieda.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni;

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2025, mill-5.45 p.m. sat-8.30 p.m., minn ħdejn il-knisja parrokkjali, Triq Santa Katarina, Triq San Mikiel, Triq San Pietru, Triq San Ġorġ, Triq it-Tankijiet, Triq id-Duluri u Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Ħal Lija

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2025, mis-5.45 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq il-Forn u Triq Sir Ugo Mifsud.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, 2025, mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq it-Tliet Knejjes.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ġunju, 2025

Public transport will be affected till the passing by of the procession;

On Thursday, 19th June, 2025, from 6.30 p.m. to 9.15 p.m., through Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Joseph Pace, Triq Santa Katarina, Triq Raymond Caruana, Triq l-Annunzjata, Triq Santa Marija and Triq il-Kbira.

Public transport will be affected till the passing by of the procession;

On Friday, 27th June, 2025, from 6.30 p.m. to 9.15 p.m., through Triq Ġlormu Cassar, Triq il-Fidwa, Triq Bettina, Triq Ċiru, Triq San Ġorġ, Triq it-Torri, Triq Raymond Caruana, Triq l-Annunzjata, Triq Santa Marija and near the church.

Public transport will be affected.

Birżebbuġa

On Sunday, 15th June, 2025, from 8.00 a.m. to 10.00 a.m., through near the boys' religious museum, Triq il-Bżulija, Triq Santa Rita, Triq Sant'Anġlu, Misraħ il-Pajtier, Triq il-Kurat Fenech, the square and Triq is-Sajjieda.

Public transport will be affected till the passing by of the procession;

On Sunday, 22nd June, 2025, from 5.45 p.m. to 8.30 p.m., through near the parish church, Triq Santa Katarina, Triq San Mikiel, Triq San Pietru, Triq San Ġorġ, Triq it-Tankijiet, Triq id-Duluri and Triq il-Knisja.

Public transport will be affected till the passing by of the procession.

Ħal Lija

On Sunday, 15th June, 2025, from 5.45 p.m. to 7.30 p.m., through Triq il-Kbira, Triq il-Forn and Triq Sir Ugo Mifsud.

Public transport will be affected.

Ħal Balzan

On Sunday, 15th June, 2025, from 8.30 a.m. to 9.30 a.m., through Triq it-Tliet Knejjes.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

13th June, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 130

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar mill-pjazza tal-parroċċa u Triq San Pawl quddiem il-każin tal-Partit Laburista.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Manikata

Nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 2025, mis-2.00 p.m. sas-7.00 p.m., hemm bżonn ta' clearance fi Triq Dun Manwel, Triq l-Għasafar, Triq il-Ġilju and Triq San Ġużepp.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq San Trofimu (minn Triq Santa Marija sas-santwarju).

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025, mis-2.20 p.m. sat-3.00 p.m., minn Triq Dun Belin Azzopardi u Triq San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ġunju, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 87 tal-2025

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 82 tal-2025 – Sub-bottom Profile Survey u Microplastics Sampling

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li s-sub-bottom profile (SBP) survey u l-microplastics sampling se jsiru jew nhar l-Erbgħa, 11, jew il-Ħamis, 12 ta' Ġunju, 2025.

Is-sub-bottom profile survey huwa skedat li jsir fil-Qawra kif muri f'Chart A fis-sit elettroniku ta' Transport

POLICE NOTICE

No. 130

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

On Tuesday, 17th June, 2025 from 8.00 a.m. to noon through the parish square and Triq San Pawl in front of the Labour Party's club.

Public transport will not be affected.

Manikata

On Saturday, 21st June, 2025, from 2.00 p.m. to 7.00 p.m., clearance is required in Triq Dun Manwel, Triq l-Għasafar, Triq il-Ġilju and Triq San Ġużepp.

Tas-Sliema

On Friday, 27th June, 2025, from 5.00 p.m. to 8.30 p.m., through Triq San Trofimu (from Triq Santa Marija to the sanctuary).

Mellieħa

On Sunday, 28th September, 2025, from 2.20 p.m. to 3.00 p.m., through Triq Dun Belin Azzopardi and Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

13th June, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 87 of 2025

Amendment to Local Notice to Mariners No. 82 of 2025 – Sub-bottom Profile Survey and Microplastics Sampling

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that sub-bottom profile (SBP) survey and microplastics sampling will be carried out either on Wednesday, 11th, or Thursday, 12th June, 2025.

The sub-bottom profile survey is scheduled to be carried out in Qawra as shown in Chart A found on the Transport

Malta (www.transport.gov.mt) bejn it-8.30 a.m. u s-2.00 p.m.

Filwaqt li l-microplastic sampling se jsir fil-Port il-Kbir (l-istess dati ta' hawn fuq) bejn nofsinhar u l-4.00 p.m., il-kampjunar se jikkonsisti minn bastiment li se jirmonka xibka tat-tkarkir (manta net) magenbu (iż-żona hija murija f'Chart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex iżommu ż-żona libera.

Il-kaptana huma mfakkra biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela, u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jimmanuvraw ħdejn iż-żona tal-istħarriġ kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Huma għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

It-13 ta' Ġunju, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 88 tal-2025

Wirja tal-logħob tan-nar (Chinese cakes) mill-foreshore tal-Grand Hotel Excelsior

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir wirja ta' logħob tan-nar (Chinese cakes) mill-Foreshore tal-Grand Hotel Excelsior nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 2025, li tibda fl-11.00 p.m. għal mhux aktar minn 10 minuti. Il-wirja se tkun iċċentrata fil-Punt A (kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.904	014° 30'.282

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 10 metru 'l bogħod mill-punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kull dgħajsa rmiġġata jew ankrata fiż-żona għandha titneħħa matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tagħha, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tagħha jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 10m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Malta website (www.transport.gov.mt) between 8.30 a.m. and 2.00 p.m.

While the microplastic sampling will be carried out in the Grand Harbour (same dates as above) between noon and 4.00 p.m., the sampling will consist of a vessel which will be towing a trawl net (manta net) (alongside area is shown in Chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Masters and operators of vessels are advised to keep the area clear.

Masters are reminded to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed (no wake) when manoeuvring near the surveying area as shown in the charts found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

13th June, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 88 of 2025

Fireworks display (Chinese cakes) from the foreshore off Grand Hotel Excelsior

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Chinese cakes fireworks display will be held from the foreshore off the Grand Hotel Excelsior on Saturday, 21st June 2025, starting at 11.00 p.m. for not more than 10 minutes. The display will be centred at Point A as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 53'.904	014° 30'.282

In view of the above, mariners are advised to keep 10m away from point A, on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed within the area shown on the attached chart are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 10m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-13 ta' Ġunju, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Resource Leader, Programmi tal-Litteriżmu wara l-Ħin tal-Iskola (Part-time)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus – 343/2025
(it-Tieni Sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Resource Leader tal-Programmi tal-Litteriżmu Wara l-Ħin tal-Iskola (part-time).

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Temmew b'suċċess kwalunkwe kors fi prattiki effettivi tal-litteriżmu, bħal qari flimkien u/jew qari gwidat, rakkontar tal-istejjer, litteriżmu bilanċjat; U

3. Ċertifikati fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 1-5/A-C, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

4. Minimu ta' ħames snin esperjenza bħala għalliem/a fis-settur primarju.

Esperjenza fil-maniġment u l-kordinazzjoni jiġu kkunsidrati kif inhu xieraq meta ssir l-għażla.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil Reklutaġġ, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

13th June, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-time Senior Resource Leader, after School Literacy Programmes

Jobsplus Permit Number – 343/2025
(Second Call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit part-time Senior Resource Leader for its After School Literacy Programmes.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised teaching degree at MQF Level 6 or equivalent or higher; AND

2. Successful completion of any course in effective literacy practices, such as shared and/or guided reading, storytelling, balanced literacy, etc.; AND

3. Minimum of MQF Level 3 in Maltese and English (SEC (Grade 1 to 5) or GCE Ordinary Level (Grade A to C)), or equivalent; AND

4. A minimum of 5 years teaching experience in the primary sector.

Due consideration will be given to applicants who have experience in management and coordination.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies) or by sending an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday 27th June, 2025, at noon.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Ġunju, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Ambaxxaturi tal-Qari

Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086)

Data tal-Ħruġ: 10 ta' Ġunju, 2025

Għan

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tfittex personalitajiet lokali fuq bażi ta' kuntratt għas-servizz sabiex iwasslu sessjonijiet interattivi ta' qari u rakkuntar ta' stejjer lit-tfal. Il-kandidati eliġibbli jistgħu jkunu atturi, xandara tar-radju u/jew it-televixin, kittieba, żeffiena, atleti, ġurnalisti, kantanti jew preżentaturi li huma magħrufa u stabbiliti fil-qasam tagħhom.

Miri tax-Xogħol

L-Ambaxxaturi tal-Qari magħżula se jkunu qed jagħtu sessjonijiet ta' qari/rakkuntar ta' stejjer maħsuba biex irawmu l-imħabba għall-kotba fost it-tfal u jsostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu.

Kull sessjoni se ddum madwar tliet (3) sigħat, b'siegħa addizzjonali ta' preparazzjoni għal kull siegħa ta' kuntatt, fejn meħtieġ, bl-istess rata tas-sigħat ta' kuntatt.

Ir-rata ta' ħlas hija ta' €13.74 fis-siegħa (eskluża l-VAT).

Is-sessjonijiet jistgħu jinkludu tfal, edukaturi u, f'xi każijiet, ġenituri/kustodji.

Il-kandidati magħżula se jkunu responsabbli lejn il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

L-Ambaxxaturi tal-Qari se jkunu responsabbli biex:

1. Jippreparaw u jagħtu sessjonijiet interattivi ta' qari u rakkuntar ta' stejjer għal tfal u edukaturi;

2. Iżommu standards għoljin ta' professjonalità, kemm fl-imġiba kif ukoll fil-mod kif iwasslu s-sessjonijiet;

3. Jikkollaboraw ma' partijiet interessati relevanti biex jiġu pprovduti servizzi ta' litteriżmu ta' kwalità u effettivi;

Applications by registered post should arrive by the deadline. Late applications will not be considered.

13th June, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Reading Ambassadors

Expression of Interest (Ref. 25/086)

Date of issue: 10th June, 2025

Objective

The National Literacy Agency (NLA) is seeking to recruit local personalities on a contract-for-service basis to provide interactive reading and storytelling sessions for children. Eligible candidates may include actors, broadcasters, authors, dancers, sportspersons, journalists, singers, or presenters who are well-known and established in their respective fields.

Scopes of Work

Selected Reading Ambassadors will deliver engaging reading/storytelling sessions designed to foster a love for books and support literacy development.

Each session will last approximately 3 hours, with an additional 1-hour preparation time for each contact hour, where required, at the same rate as contact hours.

The hourly payment rate is €13.74 per hour (excluding VAT).

Sessions may include children, educators, and occasionally parents/caregivers.

The selected candidates will report to the CEO of the National Literacy Agency or a delegated representative.

Duties and Responsibilities

Reading Ambassadors will be responsible for:

1. Preparing and delivering engaging and interactive reading/storytelling sessions for children and their educators;

2. Maintaining high professional standards in both conduct and delivery;

3. Collaborating with relevant stakeholders to ensure quality and effective literacy experiences;

4. Jirrappreżentaw u jassistu lill-Aġenzija waqt attivitajiet jew programmi li jippromwovu l-litteriżmu.

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhu se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Għanijiet Ewlenin

1. Isostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu fost it-tfal permezz tal-qari u l-istejjer;

2. Irawmu l-imħabba għall-kotba permezz ta' sessjonijiet ta' qari, ta' kwalità għolja;

3. Jiżguraw it-tisħiħ lingwistiku, jew tal-Malti jew tal-Ingliż, waqt kull sessjoni.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji:

Ikunu magħrufa u stabbiliti f'wieħed minn dawn ir-rwoli li ġejjin: atturi, xandara tar-radju u t-televixin, kittieba, żeffiena, atleti, ġurnalisti, kantanti jew preżentaturi.

Ikollhom ħiliet ta' komunikazzjoni u fluwenza eċċellenti bil-Malti u/jew bl-Ingliż.

L-impjegati full-time tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhumiex eliġibbli.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibgħat invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Il-kandidati eliġibbli jintalbu jattendu għal intervista bħala parti mill-proċess ta' għażla.

Kif Tapplika

Il-kandidati interessati għandhom jissottomettu:

1. Curriculum Vitae f'format Europass;

2. Kopja taċ-ċertifikat validu tal-kondotta tal-pulizija.

Termini ta' Ħlas

Kull Ambaxxatur tal-Qari jrid jibgħat invoice (kull erba' xhur) għall-ħidma tiegħu, u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

4. Representing and assisting the NLA during organised events promoting various literacy programmes.

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/086) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Key Objectives

1. Support literacy development among children through reading and storytelling;

2. Promote the love and enjoyment of books through engaging, high-quality sessions;

3. Ensure full language immersion in either Maltese or English during every session.

Eligibility Criteria

To be eligible, applicants must meet the following criteria:

Be well-known and established in one of the following fields: acting, broadcasting, authorship, dance, sports, journalism, singing, or presenting.

Possess excellent fluency and communication skills in Maltese and/or English.

Full-time employees of the National Literacy Agency are not eligible.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Shortlisted applicants will be required to attend an interview as part of the selection process.

How to Apply

Interested candidates must submit:

1. A Europass Curriculum Vitae;

2. A copy of a valid police conduct certificate.

Payment Terms

Payment is subject to a quarterly invoice reflecting hours worked. A fiscal receipt must be issued upon payment.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull 6 xhur. Kull Operatur Ekonomiku se jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena sa tliet snin, suġġett għal prestazzjoni tajba, skont din l-Espressjoni ta' Interess.

Kuntratti mogħtija taħt l-Espressjoni ta' Interess preċedenti se jiġġeddu f'din l-Espressjoni ta' Interess Ref. 25/086, b'kundizzjoni li jkun ingħata servizz tajjeb u jkunu aġġornati d-dokumenti meħtieġa.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/086).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325 bejn it-8.30 a.m. u s-2.30 p.m.

It-13 ta' Ġunju, 2025

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Opportunitajiet ta' Karriera

Il-missjoni tal-Awtorità dwar il-Mediċini hi li tipproteġi s-saħħa pubblika permezz tar-regolamentazzjoni tal-prodotti mediċinali u l-attivitajiet farmaċewtiċi. L-Awtorità dwar il-Mediċini qed tfittex li timpjega:

Medical Assessor*
(Permess tal-Jobsplus Numru 998/2024)

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (hr.medicinesauthority@gov.mt) sa nofsinhar tas-Sibt, 5 ta' Lulju, 2025.

*Dan l-avviż jissostitwixxi l-avviżi kollha preċedenti għall-pożizzjoni ta' Medical Assessor taħt l-istess numru ta' permess tal-Jobsplus.

It-13 ta' Ġunju, 2025

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years, subject to good performance.

Contracts previously awarded under past EOIs will be renewed under this EOI Ref. 25/086, subject to good performance and updated required documents.

Digital submissions must be sent to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) no later than Friday, 27th June 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/086).

Further inquiries may be sent by email email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325 between 8.30 a.m. and 2.30 p.m.

13th June, 2025

MALTA MEDICINES AUTHORITY

Career Opportunities

The mission of the Malta Medicines Authority is to safeguard public health through the regulation of medical products and pharmaceutical activities for human use. The Malta Medicines Authority is seeking to employ:

Medical Assessor*
(Jobsplus Permit Number 998/2024)

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applications are to be submitted by email to (hr.medicinesauthority@gov.mt) by not later than noon of Saturday, 5th July, 2025.

*This advert supersedes all previous adverts for the position of Medical Assessor under the same Jobsplus permit number.

13th June, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Din is-sejħa qed tieħu post is-sejħa ta' Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/ Engineer (Mechanical) datata 6 ta' Ġunju, 2025. Applikanti li diġà applikaw fit-termini tal-imsemmija sejħa hawn fuq m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) biex iwettaq dmirijiet fi ħdan is-Saħħa, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2025 huwa ta' €25,570.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €28,017.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Graduate Engineer (Mechanical) tiġi promossa għall-grad ta' Junior Engineer (Mechanical) fi Skala ta' Salarju 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fis-sena 2025) wara li tkun kisbet il-warrant biex jipprattika l-professjoni ta' Engineer (Mechanical) u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna magħżula li jkollha l-warrant biex tipprattika l-professjoni ta' Engineer tinħatar Junior Engineer (Mechanical) fi Skala ta' Salarju 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 fis-sena 2025), filwaqt li jekk il-persuna magħżula jkollha mill-inqas tliet (3) snin prattika professjonali wara li tkun kisbet il-warrant tinħatar mill-ewwel Engineer (Mechanical) fi skala ta' Salarju 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 fis-sena 2025).

2.5 Persuna fil grad ta' Junior Engineer (Mechanical) li tkun ikkonfermata fil-grad tiġi promossa għall-grad ta' Engineer (Mechanical) fi Skala ta' Salarju 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 fis-sena 2025) wara sentejn (2) servizz fil-grad jew mal-kisba ta' tliet (3) snin prattika professjonali wara li tkun kisbet il-warrant, liema minnhom ikun qabel u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

MINISTRY FOR HEALTH AND
ACTIVE AGEING

Post of Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

This call supersedes the call for Graduate Engineer (Mechanical)/ Junior Engineer (Mechanical)/ Engineer (Mechanical) published on the 6th June, 2025. Applicants who submitted an application in terms of the abovementioned call need not re-apply

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the Post of Graduate Engineer (Mechanical)/ Junior Engineer (Mechanical)/ Engineer (Mechanical) to perform duties at Health within the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) is Salary Scale 10, which in the year 2025 is equivalent to, €25,570.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €28,017.00.

2.3 A Graduate Engineer (Mechanical) will be promoted to the grade of Junior Engineer (Mechanical) in Scale 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 in the year 2025) upon having successfully obtained their professional warrant to practice as Engineer (Mechanical) and subject to satisfactory performance.

2.4 A selected applicant in possession of a warrant to practice as Engineer will be appointed as Junior Engineer (Mechanical) in Salary Scale 9 (€27,145.02 x €447.33 - €29,829.00 in 2025), provided that a new entrant into the class with at least three (3) years professional practice after obtaining Warrant will enter directly as Engineer (Mechanical) in Salary Scale 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 in 2025).

2.5 A Junior Engineer (Mechanical) who is confirmed in the grade will be promoted to the grade of Engineer (Mechanical) in Salary Scale 8 (€28,792.02 x €486.83 - €31,713.00 in 2025) on completion of two (2) years' service in the grade or on the attainment of three (3) years professional practice after obtaining warrant, whichever is the earlier and subject to satisfactory performance.

2.6 Persuna fil-grad ta' Engineer (Mechanical) fi Skala ta' Salarju 8, li jkollha erba' (4) snin servizz fi Skala 8, jew sentejn (2) servizz fi Skala 8 jekk tkun fil-pussess ta kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni, titla' għall-Skala ta' Salarju 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 fis-sena 2025) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7 Il-persuna nnominata tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-union kompetenti.

2.8 Il-persuna maħtura titħalla tipprattka l-professjoni b'xogħol privat sakemm:

a) Dan jitwettaq strettament barra l-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol;

U

b) Dan ma jinterferix jew ma jikkonfliġġix mad-dmirijiet uffiċjali jew mal-esiġenzi tas-servizz. F'dan ir-rigward il-persuna maħtura għandha tiżgura li qed topera skont il-Kodiċi tal-Etika u ta' Sezzjoni 6.2.3 tal-PSMC, u li ma twettaq l-ebda tip ta' xogħol barra mill-impieg tagħha mal-Gvern li jista' jmur kontra l-interessi tal-Gvern u/jew li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess jew tfixkil fil-qadi tad-dmirijiet uffiċċjali tagħha mal-Gvern. Xogħol privat għandu dejjem ikun bil-permess tas-Segretarju Permanenti.

2.9 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali,

2.6 An Engineer (Mechanical) in Salary Scale 8, with at least four (4) years service in Salary Scale 8 or two (2) years' service in Salary Scale 8 if in possession of an approved postgraduate qualification shall progress to Salary Scale 7 (€30,506.98 x €531.17 - €33,694.00 in 2025) subject to satisfactory performance.

2.7 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent union.

2.8 The appointee will be allowed to undertake private practice of this profession provided that:

a) It is carried out strictly outside official hours of work;

AND

b) It does not interfere or conflict with his official duties or with the exigencies of the service. In this regard the appointee must ensure that he operates within the framework of the Code of Ethics and of Section 6.2.3 of the PSMC and will not carry any form of work outside of Government employment which may be against the interest of Government and/or which may lead to a conflict of interest or interfere with the performance of his official duties with the Government. Private work invariably necessitates the permission of the Permanent Secretary.

2.9 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the "Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration", issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to

potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) huma:

i. Jassisti lill-Head Engineering biex jassigura li s-sistemi tal-inġinerija mekkaniċi jkunu miżmuma tajjeb skont kif deskritt fil-liġijiet u regolamenti relatati;

ii. Jara x-xogħol mitlub mit-Technical Staff, u jassisti fl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni. Juża l-programmi tal-kompjuter tal-immaniġġjar tal-manutenzjoni jew xi sistema/i oħra manwali u jindika lil kuntrattur x'tip u x'livell ta' servizz ikun hemm bżonn biex isir ix-xogħol. Kif ukoll isegwi l-progress tax-xogħol sakemm jitlesta;

iii. Isolvi problem tekniċi, jiċċekkja x-xogħol li jinkludi xogħol ta' tiswija, immaniġġjar ta' proġetti, u jiċċertifika x-xogħlijiet. Imexxi x-xogħol mal-fornturi tal-materjal u tagħmir, u ma' kuntratturi terzi li jkunu qed jaħdmu fuq is-sit, u ma' membri oħra ta l-istaff tal-Kura Sekondarja;

iv. Jiċċekkja u jsegwi l-KPIs tal-kuntrattur u jirrapporta lill-Head Engineering meta dawn ma jintlaħqux jew jinkisru u jżomm kont tal-penali li jeħel il-kuntrattur. Jiċċekkja u jikkummenta fuq ir-rapporti li jipprovdi l-kuntrattur fuq ix-xogħlijiet li tlestew u jara li ttieħdet azzjoni biex nuqqasijiet jiddaħħlu fis-Sistema tal-Immaniġġjar tal-Manutenzjoni u jkunu segwiti u jitlestew;

v. Jaghti l-kontibut tiegħu biex jara li x xogħol jitlesta skont l-istandards stabbiliti u skont il-bżonnijiet rikjesti milliġi, jew obbligi kuntrattwali u f'ħin u skont il-baġit propost;

vi. Jikteb struzzjonijet ta' xogħol u proċeduri u l-aġġornament tagħhom kif ikun hemm bżonn, jagħmel risk assessment u method statements skont il-bżonn li jinkludu fi spazju magħluq, iċċertifikar ta' scaffolding wara li jinghata t-taħriġ meħtieġ. Joħroġ hot work permit skont il-bżonn;

vii. Jaħdem fil-qrib mar-rappreżentant/i tal-kuntrattur, mar-regulatur, jew entitajiet oħra u partijiet oħra, jieħu nota u jsegwi kull azzjoni meħtieġa. Jikkomunika wkoll mat-tim tal-biomedical ta' MDH biex it-tagħmir ikollu manutenzjoni u jopera b'mod effettiv;

accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3. The job duties for the Post of Graduate Engineer (Mechanical)/Junior Engineer (Mechanical)/Engineer (Mechanical) include:

i. Assists the Head Engineering in ensuring that the Mechancial Engineering Systems of the facility are well maintained and operated as described int relevant Laws and regulations;

ii. Overview the work requests from the Technical staff, assess the type and support in the coordination of maintenance planning activities. Make use of a computer based or any other Maintenance Management System and indicate to the contractor the type and service level required in the execution of work. Track progress of works and close when completed;

iii. Undertake problem solving, work supervision including repair work, project management, and work certification. Coordinate with suppliers in the delivery of materials & parts, with third party contractors, that will be working on site and with other staff members of Secondary Health;

iv. Monitor the contractors' key performance indicators and report to the Head Engineering when these are violated and keep track to ensure that the penalties are imposed on the contractor/s. Review the periodic reports submitted by the contractors on completion of works and ensures that any corrective actions proposed are entered in the maintenance management system and followed through;

v. Provide the necessary input to ensure that work is done in line with established standards, legal requirements, contractual obligations, and within the timeframes & costs outlined;

vi. Write work instructions and procedures and update them as required, conduct risk assessments and method statements where required including in case of confined space, scaffolding certifications after receiving the necessary training. Issue hot work permits as required;

vii. Liaise with the contractor representative/s, regulators, other Entities and stakeholders as required, log and follow though any required action as deemed necessary. Liaise also with the biomedical team at MDH for the effective maintenance and operations of the biomedical equipment;

viii. Jinvolvi ruħu/ruħha fil-procurement tal-impjant, tagħmir, materjal, strumenti u għodda, parts u sistemi oħra tal-inginerija, li jinkludi preparazzjoni ta' tenders, jinkitbu dettalji tekniċi, stimi, u xi dokumenti oħra li jkun hemm bżonn, u jiċċertifika li t-tgħammir ikun tajjeb;

ix. Jassisti u jgħin fl-immaniġġjar tal-inventarju ta' tagħmir, fuq siġurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, kodiċi tal-bini, u liġijiet tal-ambjent;

x. Jimmaniġġja proġetti fuq is-sit li jkollhom żmien definit meta jibdew, u kemm idumu biex jitlestew. Dawn il-proġetti jinkludu CAPEX, investigazzjonijiet fuq impjant, xogħol tekniku u kummerċjali u awditjar fost oħrajn;

xi. Jagħti sapport lill-maniġment tas-siġurtà, l-ambjent u l-kwalità kif iddentifikat skont is-sistemi u proċessar tal-ISO;

xii. Jaħdem mal-uffiċjali tas-Saħħa u Siġurtà u jassigura li r-regolamenti jkunu segwiti;

xiii. Jagħmel awditjar intern meta jkun hemm bżonn u jagħti kontribut biex l-organizzazzjoni tkompli issir kontinwament aħjar;

xiv. Jgħin fil-preparazzjonijiet ta' rapporti tekniċi u rapporti ta' progress kif meħtieġ. U jgħin fil-preparazzjoni ta' speċifikazzjonijiet dettaljati u dokumentazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet ta' xiri ta' provvisti u/jew xogħlijiet f'konformità mar-regolamenti rilevanti;

xv. Jevalwa kwotazzjonijiet u/jew proposti ta' xogħlijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet professjonali dwar l-approvazzjoni tagħhom jew mod ieħor;

xvi. Jiġbor rapporti tekniċi, kontijiet ta' kwantitajiet/materjal, estimi ta' nfiq, programmi ta' xogħol u skedi ta' manutenzjoni, u tfassil ta' disinni tal-impjant f'format elettroniku bl-użu tal-programmi xierqa;

xvii. Ifassal rapporti ta' manutenzjoni u spezzjoni;

xviii. Jappoġġja lill-Kap tad-Dipartiment fit-twettiq, taħriġ, u jassisti lil membri oħra tat-tim u jżomm reġistru, għodod u librerija/arkivji ta' referenza teknika kif meħtieġ, u jipparteċipa f'kumitati mwaqqfa mid-Dipartiment għal kompiti speċifiċi;

xix. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ.

xx. Kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

viii. Participate in the procurement of plant, equipment, material, instrumentation, tools, spare parts and engineering related systems, including the preparation of tender specifications, estimates, the ancillary documentation, and certification that the received items are correct;

ix. Provide engineering support on long term asset management, health and safety regulations, building codes and environmental laws;

x. Manage site specific projects that have defined time or functional start and end criteria. These may include CAPEX projects, plant investigations, technical and commercial project assignments, audits, etc.;

xi. Provide support in management of safety, environment and quality as identified in the relevant ISO systems and processes;

xii. Collaborate with the health and safety officials and ensures that rules and regulations in this regard are strictly adhered to;

xiii. Perform internal audits when required to contribute towards the organisation continuous improvement;

xiv. Assists in the preparation of technical and progress reports and assists in the preparation of detailed specifications and other documentation for publication of calls for procurement of supplies and/or works in line with relevant regulations;

xv. Assesses quotations and/or works proposals and makes professional recommendations on their approval or otherwise;

xvi. Compiles technical reports, bills of quantities/materials, cost estimates, work programmes and maintenance schedules, and drafts drawings of the plant in electronic format using appropriate software.

xvii. Draws up maintenance and inspection reports;

xviii. Supports the Head of Department in managing, training, and assisting other team members and maintains records, tools and technical reference library/archives as necessary, and participates in committees set up by the Department for specific tasks;

xix. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xx. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbilità

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa taleġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ taliċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwi tal-Malti u l-Ingliż sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

